**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

## 1.00 Laqgħa Numru 15/16(25_02_16).

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar 2016, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjorina Maria Masini - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-18 ta' Frar 2016.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Approvazzjoni tal-għażla għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Ilmenti.
6. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015.
7. Estimi Finanzjarji 2016.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Meta l-membri ntalbu japprovaw il-Minuti tal-laqgħa li għaddiet, is-Sur Paul Curmi talab korrezzjoni tal-Minuti u ġie ssekondat mis-Sur Damien Spiteri.
Kien hemm qbil dwar din l-emenda.

Is-Sindku laqgħet u ferħet lis-Sinjorina Maria Masini għall-ewwel laqgħa tagħha bħala Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ għal-lokalità tal-Munxar u Ix-Xlendi.

## 2.00 Korrispondenza.

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 04/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja Għall-Korsijiet *Lifelong Learning*

2016-17'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 05/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Depożitu jew Użu ta' Krejn jew Makkinarju ieħor'.

2.03 Il-Kunsill irċieva invit mingħand in-National Commission for the Promotion of Equality fejn fl-okkażjoni tal-International Women's Day ser torganizza Konferenza dwar 'Human Rights and Equality in Practice', fit-3 ta' Marzu 2016, f'Dar Qalb ta' Ġesù Hall, St. Venera.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS) rigward l-inizjattiva 'Laqgħat għall-Għaqdiet Volontarji ġewwa l-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex flimkien mal-MCVS jiġu organizzati laqgħat ta' informazzjoni għall-għaqdiet volontarji ġewwa l-lokal biex flimkien jiġu diskussi s-servizzi li toffri l-MCVS u tinstemgħa l-vuċi u d-diffikultajiet li jsibu l-għaqdiet volontarji.

2.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-PricewaterhouseCoopers (pwc) rigward 'Certification in EU Funds Management (EQF/MQF Level 5)'.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Foundation in Support of Local Democracy rigward 'Opportunity to collaborate with FSLD Poland'. Qed tintbagħat *request* għall-*Partner Search* għall-proġett bit-tema 'Local Government Integrates Migrants'.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Management Efficiency Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward 'servizz.gov.mt users: contact list'. Flimkien mal-lista tal-*users* ingħatat ftit informazzjoni dwar kif għandha tintuża s-sistema servizz.gov.mt – Government's online Customer Care System.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal stedina mingħand il-Liaison Officer – Heritage fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar il-Forum Nazzjonali tal-Wirt Kulturali 2016, fid-19 ta' Frar 2016, fil-Forti Sant'Anġlu, Il-Birgu.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Care Malta Ltd rigward in-'Nazzareno Vassallo Award for Initiatives in Elder Care'. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jagħmel in-nomini tiegħu għas-16-il edizzjoni ta' dan l-*award*.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The Centre for Environmental Education and Research (CEER) rigward 'A Symposium on the National Strategy of Education for Sustainable Development in Malta', fil-11 u 12 ta' Marzu 2016, fil-Auditorium, Old University Campus, Valletta.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-55 laqgħa tas-26 ta' Frar 2016 u l-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 39 u l-Minuti tal-54 laqgħa ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Studenti Universitarji rigward 'Lejla

Maltija', fis-26 ta' Frar 2016. Il-Kunsill huwa mistieden sabiex itella' *exhibition* li tirrappreżenta l-lokalità tiegħu.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Kopin rigward 'Building Resilience to Climate Change – A web-conference', fis-26 ta' Frar 2016, fl-MCAST, Paola.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Europe for Citizens – EU Funding Opportunities for Local Councils'. Din il-*Call for Proposals* għandha *deadline* fl-1 ta' Marzu 2016.

**3.00 Approvazzjoni tal-għażla għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.**

Is-Sur Robert Mallia ddikjara kunflitt ta' interess u ħareġ mil-laqgħa.

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-riżultat tal-intervisti li saru mill-Bord tal-Għażla, fid-9 ta' Jannar 2016. Ġew intervistati tliet kandidati u fl-ewwel post ġie s-Sur Joseph Mizzi ID 24987(G) bi 346 punt, it-tieni ġiet is-Sinjorina Carmeline Cassar ID 462491(M) b'236 punt u t-tielet ġiet is-Sinjorina Mary Said ID 6078(G) b'207 punti.
Is-Sindku, is-Sur Paul Curmi u s-Sur Damien Spiteri vvutaw favur filwaqt li s-Sinjorina Sonja Abela astieniet.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

Is-Sur Robert Mallia daħal lura fil-laqgħa.

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 15/16(25_02_16) li tkopri kontijiet fil-perjodu bejn it-22 ta' Jannar 2016 sal-25 ta' Frar 2016. Is-Sur Paul Curmi u s-Sur Damien Spiteri oġġezzjonaw dwar il-kont ta' P&J Debono Cons Ltd għall-ammont ta' €904.71. Is-Sindku spjegat li dwar dan il-kont diġà saret kjarifika lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-istess kjarifika ntbagħtet lill-membri tal-Kunsill. F'din il-kjarifika hemm iċ-ċertifikat tal-perit.
Ħadd mill-membi tal-Kunsill ma ried jiffirma l-iskeda u għaldaqstant, is-Sindku aġġornat il-laqgħa biex titkompla bl-istess Aġenda f'data u ħin li għadu jrid jiġi deċiż.

Il-ħin kien is-6 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***